# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1410/98**

**Numru 34**

**Peter Pullicino**

**vs**

**Paul Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, bhala danni minnu sofferti fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni GAC u b'digriet tas-17 ta' Mejju 1999 l-ittra C qed tigi sostitwita bl-ittra "L" 212 in segwitu ghall-incident stradali li gara gewwa St Adrews fis-16 ta' Awissu 1997 waqt li l-konvenut kien qed issuq l-mutur numru ta' registrazzjoni FAD 404 u ghal liema incident kien jahti unikament l-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti

tat-traffiku u prevja d-dikjarazzjoni li ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Awissu 1997. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Ghall-fini ta' kompetenza qed tigi ddikjarat li d-danni ma jeccedux l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa illi huwa ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz premess, stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli l-attur minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur biss.

Illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu min dan l-att halli jippresenta l-kontro talba tieghu u jghid ghaliex l-attur m'ghandux jigi kundannat ihallas lill Paul Galea s-somma li tigi likwidata bhala danni sofferti minn Paul Galea fuq vettura FAD 404 b'rizultat ta' habta li grat go St. Andrew fis-16 ta' Awissu 1997, waqt li Paul Galea kien qed isuq FAD 404, Peter Pullicino li kien qed isuq GAL 212 habat gol vettura FAD 404 u kkaguna danni fuq din il-vettura u ghal liema incident kien unikament responsabbli Peter Pullicino minhabba negligenza u

nosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Peter Pullicino, liema danni ta' Paul Galea ma jeccedux elf lira maltin (Lm1,000).

Bl-ispejjes kontra Peter Pullicino li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess attur (a fol 5 ibid) vis-a-vis l-istess kontrotalba, li biha eccepixxa illi d-domandi kontenuti fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament resposnabbli l-istess konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut (a fol 14 ibid) li biha ceda l-istess kontro talba minhabba l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident in esami, li gara f'St Andrews Road, kien jinvolvi mutur bin-numru FAD 404 misjuq mill-konvenut u "Landrover" numru GAL 212 misjuq mill-attur.

Illi <u>PS 621 Pierre Calleja</u> li investiga dan il-kaz xehed kif ser jinghad:-

a) Dwar il-hsarat fil-vetturi involuti, hu ra li l-"Landrover" kellha hsarat fil-makkinarju ta' taht tant li ma setghetx tinsaq waqt li l-mutur kellu diversi hsarat fuq quddiem kollu.

b) In rigward il-lokalita kif murija fuq l-iskizz a fol 20 jidher li f'nofs it-triq hemm "intermittent white lines" waqt li ma kienx hemm "debris mal-art sabiex seta' jistabilixxi l-"ispot of impact". Lanqas ma ra evidenzi jew tracci mal-art li jindikaw tkaxkir.

c) Dwar il-pozizzjoni tal-vetturi, wara li l-habta, din kienet kif murija fuq l-istess skizz. Inoltre hu ssottolinea li l-mutur ma kienx taht il-"Landrover".

d) In rigward il-versjoni rispettiva tal-partijiet moghtija "a caldo" lill-istess fizzjal tal-Pulizija, l-attur qal li kien ser jibda jdur meta minn wara sema' hoss u hass il-mutur jahbat fuq wara tal-"landrover" waqt li l-konvenut qal li kien qed jaqbez l-istess "landrover" mal-linji imsemmija f'nofs it-triq meta din il-vettura kissret fuq il-lemin u dahal fuqu (ara ir-rapport anness a fol 19 ibid). Meta xehed b'aktar dettal quddiem il-Qorti, ix-xhud spjega li l-attur qallu li beda jahseb sabiex jdur lejn il-lemin meta, f'daqqa wahda ra mill-mera ta' barra tal-lemin l-imsemmi mutur gej fid-

direzzjoni tieghu .  L-attur kien qallu li kif kien ser jghamel din il-manuvra hu "kien mal-middle white line" bl-indicator mixghul ....." Pero hawnhekk l-istess xhud in rigward l-incidator testwalment kompla jghid "Ma jidhirlix li qalli li kien xeghel l-incidator tal-"landrover".  Kieku kont innizzel dan il-fatt fir-rapport. In rigward il-<u>konvenut</u> dan kien, qalli li kien qed jipprova jossorpassa il-"landrover" minn fuq il-lemin.

<u>Ikkunsdirat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 22 et seq ibid) xehed li kien sejjer fid-direzzjoni tas-Swieqi.  Difatti hu qal li waqaf sabiex jdur, lejn il-lemin, lejn it-triq li minnha tidhol f'din il-lokalita msemmija.  Hawnhekk hu stenna bl-"indicator" mixghul u bl-"steering" imdawwar sabiex karozzi gejjin md-direzzjoni opposta jghaddu.  Pero, waqt li kien wieqaf, sema hoss ta' mutur u meta hares mill-mera ra lill-konvenut jaqa' minn fuq mutur, jitkaxkar (sejjer l'hawn u l'hemm) mal-art sakemm dahal taht il-"landrover" misjuq minnu u "waddab lili (ossija l-"landrover") faccata". A basi ta' dan il-punt, hu qal li l-istess  mutur kien gej b'velocita qawwija.  Inoltre skond l-istess attur, tali velocita' kienet il-kawza tad-danni kagunati fuq il-vettura tieghu li spiccat bid-"differential" mghawweg bil-"gear box" u "radiator" mifqughin u bil-magna maqlugha minn postha.

Ikkunsidrat

Illi, dwar id-dinaminka tal-incident il-konvenut, da parti tieghu, xehed (fol 35 et seq ibid) li hu kien fuq il-karreggata ta' barra. Fuq ix-xellug quddiemu hu ra "landrover" misjuqa mill-attur li pero' qasmet u ghaddiet minn quddiemu. Minhabba hekk hu ma setax jaghfas il-"brake". Minflok hu ghamel tentattiv sabiex jiskapolah izda laqat l-istess "landrover" fuq wara lejn ix-xellug. Hu eskluda li kien qed jsuq b'velocita eccessiva.

Ikkunsidrat

Illi l-attur fix-xhieda tieghu kien kompla jghid (fol 23 et seq ibid) illi, wara l-incident kien gie ghandu l-konvenut u dan ghamel tentattiv, sabiex l-istess attur jammetti li l-incident in kwistjoni kien tort tal-istess attur in vista li l-konvenut kien assikurat "third party " biss u l-mutur in kwistjoni kien jiswa hafna flus. L-attur, pero', kompla jsostni li ma kienx tort tieghu oltre li, ukoll, kien assikurat biss in rigward "third party risk". In rigward l-istess diskors bejn il-partijiet kien hemm presenti jew fil-vicinanzi Mario Formosa u Louise Sciberras (fol 28 u 31 et seq ibid rispettivament). In rigward Mario Formosa dan stqarr li kien sema d-diskors kollu. Difatti kien sema lill-konvenut jipproponi lill-attur sabiex

dan jammetti t-tort in rigward l-istess incident filwaqt li l-konvenut kien stqarr li effettivament kien responsabbli ghal dan. Louise Sciberras semghet, ukoll, lill-konvenut ghid li hu kien jaf li l-incident kien tort tieghu izda xtaq li l-attur jammetti li hu kellu t-tort kollu.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut meta xehed, bl-ebda mod ma irrifera ghad-diskors li, skond l-attur u x-xhieda msemmija kien sar bejnu u l-attur, fir-razzett ta' dan, xhur wara l-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-hsarat fil-"landrover" l-attur (a fol 23 ibid) xehed li l-istess vettura giet esaminata minn "mechanic" u "surveyor" tad-ditta assikuratrici tal-konvenut u sar kalkolu li l-istess danni jammontaw ghal madwar Lm750. In rigward l-istess danni dawn ma kienux gew riparati.

Ikkunsidrat

Illi rinfaccata bil-premess, l-ewwel nett jinghad li, kif gja premess, il-konvenut ma cahadx li hu mar jkellem lill-attur u ghamillu dik il-

proposta mhix accettata. Dan jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilita' ta' dak li xehed l-konvenut u ghalhekk, fuq bilanc ta' probabilta', jidher li dak li stqarr l-attur, jirrifletti dak li verament gara' waqt l-incident in esami. Inoltre jinghad li l-Qorti giet konvinta dwar dan minn nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwar dak li intqal fl-istess inkontri bejn l-partijiet involuti. Difatti meta kienet qed tanalizza dak li xehdu l-partijiet, l-istess Qorti setghet tiddubita dwar dak li xehed l-attur. Pero fic-cirkostanzi kif esposti, waslet sabiex temmen il-versjoni tal-fatti moghtija mill-istess attur.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontro talba tal-konvenut u tichad l-eccezzjonijiet ta' dan tilqa t-talbiet attrici,u;

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident inesami minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2) tillikwida id-danni fis-somma ta' Lm750 u;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm750 bl-imghax legali millum stess sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Awissu 1997.

Alan Calleja
Dep.Reg